

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament tad-deċiżjoni tal-FRA tad-9 ta' Mejju 2018, li isem ir-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista tal-membri tal-persunal temporanju eliġibbli għar-riklassifikazzjoni fil-grad AD 13 fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' riklassifikazzjoni 2017 u, min-naħa l-oħra, għall-kumpens għad-dannu li huwa allegatament sostna minħabba din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) għandha tbatl l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tbatl kwart tal-ispejjeż sostnuti minn AF.
- 3) AF għandu jbatl tliet kwarti tal-ispejjeż tiegħu stess.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 103, 18.3.2019.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Marzu 2020 – Ċipru vs EUIPO – Filotas Bellas & Yios (Halloumi Vermion)**

(Kawża T-60/19) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Kanċellazzjoni tat-trade mark li fuqha hija bbażata t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità – Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2020/C 191/17)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Ir-Repubblika ta' Ċipru (rappreżentanti: S. Malynicz, QC, u V. Marsland, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Gája u H. O'Neill, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Filotas Bellas & Yios AE (Alexandrea, il-Greċja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-20 ta' Novembru 2018 (Każ R 2296/2017-4), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u Filotas Bellas & Yios.

**Dispożittiv**

- 1) Ma għadx hemm lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Ir-Repubblika ta' Ċipru hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

(<sup>1</sup>) ĠU C 112, 25.3.2019.